## Minuti tas-Sebgħin (70) il-laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur Nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2011 fis-7: 30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Charles Said informa lis-segretarja li ma setgħax jattendi.

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 69 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Proġett Eko Għawdex.** Ser issir laqgħa għas-sidien ta' l-għelieqi f'Wied Bingemma qabel ma jibda ix-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ. Dan sabiex is-sidien jiġu nformati dwar ix-xogħol li ser isir. Il-perit (contract manager) talab li jsir survey tal-ħitan qabel ma jibda x-xogħol. Dan ġie approvat mill-Kunsill. Il-Kuntrattur Nicky Saliba ser jattendi l-laqgħa. Ser titwaħħal tabella dwar dan il-proġett fil-bidu ta' Triq Wied Bingemma kif ġie mitlub fil-kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex.

4. **Passaġġ ta' Grunju.** Minflok passaġġ bil-konkos fi Triq ta' Grunju ser isiru tliet rampi. Is-sidien ta' l-għelieqi qablu li għandu jsir hekk.

5. **Progetti Internazzjonali.** Fil-jiem li ġejjin (mit-22 ta' Settembru sal-25 ta' Settembru l-Kunsill ser jospita delegazzjoni ta' 42 minn diversi pajjizzi Ewropej. Dawn huma membri tal-European Charter of Rural Communities. Il-Kunsill applika u ġie approvat sabiex jieħu sehem fil-proġett "Europe for Citizens Programme – Town Twinning Citizens Meetings". Dan ser issir mit-29 ta' Novembru sas 6 ta' Diċembru. Għal dan il-proġett ser jattendu żewġ delegazzjonijiet, waħda minn Cicciano ta' 65 persuna u oħra minn Baveno ta' 45 persuna. Waqt dan iż-żmien ikun hemm ukoll il-"Christmas Market". Iż-żewġ delegazzjonijiet iridu iġibu magħhom tradizzjonjiet tal-Milied sabiex jieħdu sehem fil-Christmas Market. Il-Kunsill ser ikollu bżonn ħafna għajnuna sabiex jorganizza din l-attivita. Il-Kunsill ser jitlob l-għajnuna ta' Peter Paul u Ines Buttigieg u ta' Joe Camilleri.

6. **Wine Festival 2011.** Il-Kunsill ma rċieva l-ebda ilment dwar il-Wine Festival ta' din is-sena. Kien hemm akkuża li nsteraq xi imbid minn stand ta' l-ikel iżda l-Kunsill m'għandux x'jaqsam ma' dan.

7. **Play Me I'm Yours.** Il-Kunsill ġie nformat li l-pjano għal din l-attivita kulturali internazzjonali ser jasal fil-jiem li ġejjin fi Gnien il-Kunsill.

8. **Offerti.** Il-Kunsill ser joħroġ l-offerti għad-dwal ornamentali fi Triq Diċembru 13, u wara japplika għall-fondi taħt l-iskema Urban Improvement Fund (tal-MEPA). Il-Kunsill mhux f'pozzizzjoni finanzjarja sabiex jagħmel toroq bir-resurfacing peress li kien hemm extra works fit-toroq taħt l-iskema tal-PPP. Għalhekk l-offerti tar-resurfacing fit-toroq Rakela Camilleri, Madre Gemma Camilleri u Triq il-Kapillan mhumiex ser joħorġu għalissa.

9. **Korrispondenza.**

(4010) Ittra/stedina mingħand il-MUSEUM tas-Subien għall-ftuħ uffiċjali u għat-tberik tat-tapit il-ġdid tal-ground
(4011) Applikazzjoni mingħand il-Malta Council for the Voluntary Sector għall National Volunteer Award
(4012) Ittra mill-Familja Vella dwar restawr tal-knisja
(4013) Ittra mingħand Carmen Pisani dwar l-għalqa fi Triq il-Kappillan
(4014) Email mingħand Maria Grech dwar programm fuq NET TV (Skoperti)
(4015) Memo PHD 29/11 Influenza Vaccine Campaign 2011
(4016) Ittra mid-Dipartiment tal-Customer Services dwar Kors tal-Univresita' tat-Tielet Eta
(4017) Ittra mill-Komunita ta' Desborough (UK) dwar laqgħa
(4018) Ittra mill-EU dwar Europe for Citizens Programme – Town Twinning Citizens' Meetings
(4019) Permess tal-MEPA ta' Pjazza San Pietru u San Pawl
(4020) Ittra mill-MEPA dwar Ta' Xurdin
(4021) Ittra mit-Transport Malta dwar Traffic Management fit toroq Piju Cellini, Church u Lazru Pisani
(4022) Ittra mill-Muniċipalita ta' Kolindros dwar il-laqgħa tac-Charter
(4023) Kopja tal-kuntratt dwar il-proġett ta' Eko Għawdex
(4024) Email mingħand il-Baron Group dwar is-serq tat-tapiti tal-Playing field ta' San Blas
(4025) Ittra mill-MEPA dwar il-Community Centre fir Triq Bingemma
(4026) Ittra mit-Transport Malta dwar sinjali sofor quddiem Sunset Triq il-Qala
(4027) Ittra mit-Transport Malta dwar sinjali sofor faċata ta' Gozoway Garage, Triq il-Buskett
(4028) Regolamenti tal-Karnival 2012
(4029) Skedar ta' Proprjeta – Knisja Parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl fi Pjazza San Pietru u San Pawl
(4030) Email mingħand Dr. Jean Pie Gauci – Maistre dwar National Cultural Event "Play Me I'm Yours"
(4031) Ittra mill-MUSEUM Subien u Bniet dwar uzu tal-van)
(4032) Memo 76/2011 Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċju tal-Kumitati Reġjonali
(4033) Memo 77/2011 Ħruġ ta' Riċevuti Fiskali mill-Kunsilli Lokali
(4034) Memo 78/2011 Sistema ta' Infurzar- Kuntratti
(4035) Memo 79/2011 Kontroll fuq il-firxa tal-bumunqar l-aħmar
(4036) Memo 80/2011 Training Needs Analysis
(4037) Memo 81/2011 Mistoqsija Parlamentari Numru 28023
(4038) Memo 82/2011 Festival Kutrumbajsa – Festival Internazzjonali Għat-Tfal u Zgħazagh
(4039) Memo 83/2011 – A.L. 347 tal-2011 Ordni tal-2011 Li jemenda l-Ordni Dwar id-Delega ta' Infurzar Lill-Kunsilli Lokali
(4040) Memo 84/2011 It-Tharis Tal-Ordnijiet Permaneneti Waqt il-Laqgħa Tal-Kunsill
(4041) Memo 85/2011 Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali
(4042) Memo 86/2011 Laqgħat Dwar it-Training Needs Analysis
(4043) Ittra mit-Transport Malta dwar Double yellow lines triq Hanaq

10. **Nominazzjoni.** Il-Kunsill irċieva email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar "National Volunteer Award 2011 – Malta Council for the Voluntary Sector". Din in-nominazzjoni għandha tasal sa nhar il-Gimgħa 21 ta' Ottubru 2011. Il-Kunsilliera innominaw lil Gemma Zammit.

11. **Restawr.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Familja Vella. Huma talbu għajnuna finanzjarja sabiex tiġi restawrata il-Knisja tal-Qalb ta' Gesu fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill ma jistax jgħin finanzjarjament f'dan għaliex din hija propjeta privata.

12. **Triq il-Kappillan.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-sid ta' l-art fi Triq il-Kappillan wara li bagħat ittra lilhom u talabhom sabiex jibnu ħajt madwar l-għalqa tagħhom biex jelimina l-ħmieġ. Fl-ittra s-sid qalet li skont l-informazzjoni tagħha m'hemmx liġi f'Malta li jobbliga sidien ta' art biex jibnu ħajt madwarhu. Il-Kunsill għandu jġib kopja -ta' dan ir-regolment sabiex jintbagħat lilha.

13. **Torri ta' Sopu.** Il-Kunsill ta' permess biex issir attivita ħdejn it-Torri ta' Sopu. Din l-attivita saret iżda nġibed l-attenzjoni mingħand il-Pulizija li dan mhux permess peress li dan huwa area protetta.

14. **Laqgħa tac-Charter. Ser issir** ser laqgħa (workshop) tal-European Charter of Rural Communities f' Desborough UK bejn il-Ħamis 24 ta' Novembru u l-Ħadd 27 ta' Novembru 2011. It-tema huwa l-voluntarjat. Huma mistiedna żewġ rappreżentanti minn-Nadur għal dan il-mini meeting. Is-Sindku qalet li hi ma tistax tattendi u staqsiet lill-Kunsilliera humiex interessati li jattendu. Maria Natoli wriet ix-xewqa li tattendi dan il-workshop. Peress li t-tema tal-workshop huwa l-voluntarjat is-Sindku wriet ix-xewqa li r-rappreżentant l-ieħor jiġi mil-qasam tal-volontarjat. Ġiet issuġġeruta Gemma Zammit. Il-Kunsill għandu jistieden lis-Sinjorina Zammit.

15. **Impjegat mall-Kunsill.** L-iskrivana tal-Kunsill ser toħroġ bil-maternity leave fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill talab għal għajnuna temporarja mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali kif ukoll mill-ETC iżda dawn ma tawx konferma. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-Kunsill għandu jimpjiega persuna fuq bażi ta' kuntratt definit għal dan iż-żmien.

16. **Pjazza San Pietru u San Pawl.** Il-permess tal-MEPA ta' Pjazza San Pietru u San Pawl ħareġ. Il-Kunsill s'issa għadu ma rċieviex fondi għal dan il-proġett.

17. **Ta' Xurdin.** Il-Kunsill għandu jitlob lid-Dipartiment ta' l-Agrikultura sabiex jibgħat l-ittra dwar is-siġar u xtieli li hemm f'ta Xurdin. Dan wara li sar spezzjoni minn uffiċċjali tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura. Dan l-uffiċċjali rrakomanda li s-siġar ta' l-Oleandar jinqalgħu iżda l-oħrajn jibqgħu hemm.

18. **Junction.** Saret spezzjoni fuq il-junction tat-toroq Piju Cellini/Lazru Pisani u Knisja mill-perit tat-Transport Malta. Hu ma qabilx mal-proposta tal-Kunsill li kienet ġiet proposta mill-kumpanija ERT meta huma għamlu t-traffic survey fin-Nadur. Għandha ssir proposta oħra mill-Kunsill u tintbagħat lit-Transport Malta.

19. **Triq it-Tiġrija.** Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir loading/unloading bay quddiem il-ħanut J&J Pet & Plant Shop. Din il-parti tat-triq hija dejqa u sid tal-ħanut qed issib diffikulta kbira biex iħut il-merkanzija tiegħu. Il-Kunsill għandu jagħmel din it-talba lit-Transport Malta.

20. **Tapiti.** Il-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjoni għar-“replacement” tapiti fil-playing field ta’ San Blas. Dan fejn kien insteraq ammont kbir mit-tapit li kien hemm taħt l-apparat.

21. **Skedar ta’ Propjeta.** Il-Kunsill irċieva avviż mingħand il-Mepa dwar skedar tal-propjeta tal-knisja. Din il-propjeta ġiet skedata bħala ta’ Grad 1 permezz ta’ policy UCO 7 tal-Pjan ta’ Struttura għal Gzejjer Maltin, skont l-Avviz tal-Gazzetta tal-Gvern Nru 782/11.

22. **Triq San Ġakbu.** Jonathan Buttigieg informa lill-Kunsill li hu irċieva ilment dwar il-bin li hemm fi Triq San Gakbu faċċata tal-forn. Dan il-bin qed ikun imfawar u qed idejjaq lis-sid tad-dar ta’ fejn hu imwaħħal. Il-Kunsill għandu jara dwar dan l-ilment.

23. **Soft Areas.** Il-kuntratt taż-żamma ta’ Soft areas ser jagħlaq fl-aħħar ta’ Ottubru 2011. Il-Kunsilliera preżenti iddeċiedew li ma jerġax joħroġ dan il-kuntratt bħala tender iżda x-xogħol issir mill-ħaddiema tal-Kunsill u ta’ l-IPSL.

24. **Appell.** Sar l-appell dwar il-kuntratt ta’ ġbir ta’ skart. Kienu preżenti s-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, l-appellant u l-kuntrattur maħtur mill-kunsill flimkien ma l-avukati tagħhom. Il-Kunsill għadu ma ħax risposta dwar dan l-appell. Il-Kunsill huwa ta’ l-opinjoni li jekk il-Kuntrattur Anthony Mercieca ma jiġix awardjat din l-offerta, l-Kunsill jerġa joħroġ din l-offerta.

25. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet inkonnessjoni mal-laqgħa tac-Charter. Dawn kienu għat-trasport f’Malta, trasport f’Għawdex u ikel. Il-Kunsilliera għażlu l-aktar kwotazzjonijiet vantaġġjużi f’kull ħaġa.

26. **PPP.** Ix-xogħol ta’ resurfacing fit-toroq taħt l-iskema tal-PPP kważi lest. Għad fadal Triq Sant Indrija. Wara li ssir din it-triq il-kuntrattur irrid jdur it-toroq kollha biex jagħmel xi xogħolijiet żgħar li fadal fihom.

27. **Affarijiet oħra.** Is-Sindku Miriam Portelli iltaqgħet ma’ Sindku ta’ raħal żgħir fil-Germanja. Hu wera x-xewqa li ssir ġemellaġġ bejn iż-żewġ pajjiżi. Miriam Portelli ser tiltaqa miegħu terġa’ fir-raħal tiegħu meta hi ser tkun il-Germanja.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 10 ta’ Ottubru 7:30 p.m.